MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 59/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Karl Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Karl Zahra, bin Joseph u Mary nee' Dimech, imwieled Pieta', nhar id-9 ta' April, 1990, residenti fil-fond numru 75, Felici, Triq San Filippu, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 179290(M) li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-06 ta Marzu, 2011 u matul l-ahhar sena ta' qabel, gewwa Triq tat-Trux, Gharb, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju 2011;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali netta tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u Regolament 8 tal-GN 292/1939 kif sussegwentement emendati, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena u nofs mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument G u tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------